**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
**Spettur Paul Vassallo**
**V**

**JOSEPH FARRUGIA**

**Illum, 16 ta' Frar, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH FARRUGIA** ta' tnejn u tletin sena, bin Angelo u Lora nee Galea, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Lulju, 1968 u temporanjament joqghod 111/24, St. Joseph Street, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 327268M gie mressaq quddiemha akkuzat :

1. talli f'dawn il-Gzejjer u gewwa B'Bugia nhar t-tletin ta' Settembru, 2000 u l-ewwel ta' Ottubru, 2000, sabiex jikseb

xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' number plates foloz (GAG 402) fuq vettura tal-ghamla Mini Minor;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu min dokument iehor falsifikat billi ghamel uzu minn *number plates* cioe GAG 402 billi hassar/biddel in-numru tal-imsemmija vettura;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu min dokument iehor falsifikat billi ghamel uzu minn *number plates* foloz cioe GAG 402 fuq vettura ohra tal-ghamla Mini Minor;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fin-*number plates* tal-vettura tal-ghamla Mini Minor, liema vettura hija skrappjata;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta din ma kienetx koperta bil-licenzja tal-vettura mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u ghaldaqstant ma kienetx koperta b'polza tas-sigurta;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta dan ma kienx licenzjat biex jaghmel dan mill-Kummissarju tal-Pulizija;

7. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas fi zmien stipulat skond l-ligi li jinforma lil Kummissarju tal-Pulizija bit-*transfer* tal-istess vettura minn fuq terzi persuni ghal fuq ismu; u

8. talli sar recediv b'sentenzi li saru definittivi fil-Qorti Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Marzu, 2000, fis-sitta ta' Mejju, 1999 u fit-tmienja ta' Ottubru, 1999.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi, f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-imsemmija vettura u tordna li l-akkuzat jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn sena.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 2000 markat bhala dokument CSH 2 fl-atti odjerni.

Rat li l-impitat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Il-Qorti wissiet lil imputat jekk ridtx ikun assistit minn Avukat tal-Ghajnuna Legali peress li fl-ezami li sar skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9,tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat wiegeb li huwa disokkupat.

B'verbal appositu registrat fis-seduta tat-tnax ta' Frar, 2001 l-imputat wiegeb li ma ridtx assistenza legali w in oltre ried li jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat li hija wahda relattivament mimlija b'reati registrati fuqha u cioe b'erbatax il-reat sa mill-ghaxra ta' Awissu, 1992 sat-tnejn w ghoxrin ta' Marzu, 2000, b'reati varji u cioe talli nstab hati li kkaguna feriti fuq terzi, serq, frodi, theddid, offiza fuq il-pudur fil-pubbliku, nuqqas ta' manteniment, furto d'uso u talli saq vettura f'diversi okkazzjonijiet minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi l-imputat nghata diversi cansijiet u cioe gie kkundannat bhala piena multi, sentenzi sospizi u probations pero dan nonostante l-imputat ma tghallimx u reggha qieghed quddiem il-Qorti bl-akkuzi odjerni.  Illi ghalkemm l-imputat diga ntbaghat l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, dan ma tghallimx minn din l-esperjenza ghaliex fost akkuzi ohra reggha kkommetta l-istess tip ta' reati li huwa nstab hati taghhom f'okkazzjonijiet precedenti b'mod partikolari fejn huwa kien gia nstab hati ta' sewqan minghajr ma kien kopert b'licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u naturalment ma kienx kopert b'polza tas-sigurta.

Illi l-Qorti thoss li dan l-agir tal-imputat huwa wiehed negligenti, jekk mhux sfida lejn l-awtorita tal-istess Qorti.

Illi dan l-atteggjament negattiv tal-imputat huwa certament komportament li jrid jigi punit bl-aktar mod sever.

Ghalkemm huwa minnu li kif stqarret il-Proekuzzjoni li l-imputat ikkopera bis-shih maghha fl-investigazzjoni w ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mal-istess imputat u ghalhekk thoss li piena karcerarja zgur li hija l-piena idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 188, 189, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 17 u 31 tal-Att Legali 128/1994 dwar il-vetturi bil-mutur, l-artikolu 15(1)(b), 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 4(1)(2)(c) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-MVR 26.

**Tiddecidi billi, wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH FARRUGIA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah komplessivament sena prigunerija. Oltre dan ai termini tal-artikolu 4(2)(c) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tmin mitt lira maltin liema multa ghandha tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' erbghin lira maltin ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kaz li l-imputat ma jhallasx il-multa inflitta fuqu llum b'din is-sentenza, din ghandha tigi konvertita f'mija u sittin jum prigunerija skond l-ligi, addizzjonali mas-sena prigunerija fuq imsemmija.**

**Oltre dan tordna l-iskwalifika tas-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' tmintax il-xahar mill-lum.**

**Peress li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx ta' min hija l-vettura u lanqas ma jirrizulta mill-atti ta' min kienet din il-vettura u cioe dik tal-ghamla Mini Minor bin-numru ta' registrazzjoni GAG 402, ma setghetx tordna l-konfiska taghha skond l-artikolu 4(2)(c)(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**